MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. MALLIA MICHAEL LL.D.

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2002

Avviz Numru. 245/2002/1

**Francis Busuttil & Sons (Marketing) Limited**

**vs**

**Michael Vince u martu Rita conjigi Debono ezercenti n-negozju Portobello Restaurant**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, mija u erbgha u hamsin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm2,154.20) rapprezentanti prezz ta' merci mibjugha u kkonsenjati lill-konvenuti mis-socjeta' attrici, kif jidher mill-prospett anness u mmarkat Dok. 'A'.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali sal-jum tal-hlas effettiv, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fil-5 ta' Dicembru, 2002, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Anthony Zammit
Dep Reg.